SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

26 ta' Lulju 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jissoġġornaw illegalment – Direttiva 2008/115/KE – Artikolu 11(2) – Deċiżjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tirrigwarda perijodu itwal minn dak previst mill-imsemmija direttiva – Bidu tad-dekorrenza tal-perijodu ta' projbizzjoni fuq id-dħul"

Fil-Kawża C-225/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' April 2016, fil-proċeduri kriminali kontra

Mossa Ouhrami,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič (Relatur), President tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tieni Awla, A. Prechal, C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' Marzu 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal M. Ouhrami, minn S. J. van der Woude, avukat,

– għall-Gvern Olandiż, minn C. S. Schillemans, M. Gijzen u M. Bulterman, bħala aġenti,

– għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning u M. Wolff, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga u R. Troosters, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svizzeru, minn C. Bichet, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra Mossa Ouhrami, imwieled fl-Alġerija fl-1979 u li huwa ċittadin ta' dan il-pajjiż terz, għar-raġuni li ssoġġorna fil-Pajjiżi l-Baxxi matul l-2011 u l-2012 meta kien jaf li huwa kien ġie ddikjarat bħala barrani mhux mixtieq permezz ta' deċiżjoni adottata fl-2002.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2, 4, 6, 10, 11 u 14 tad-Direttiva 2008/115 jgħidu li ġej:

"(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 sejjaħ għat-twaqqif ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni, mibnija fuq standards komuni, għar-ritorn ta' persuni b'mod uman u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom.

[…]

(4) Hemm bżonn li jitfasslu regoli ċari, trasparenti u ġusti biex ikun hemm politika ta' ritorn effettiva bħala element neċessarju ta' politika tal-migrazzjoni li tkun ġestita b'mod tajjeb.

[…]

(6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta' soġġorn illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-UE, deċiżjonijiet meħuda skond din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li l-konsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' soġġorn illegali. Meta jużaw forom standard għal deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, jiġifieri deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet li jipprojbixxu d-dħul u deċiżjonijiet dwar it-tneħħija, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dak il-prinċipju u jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha ta' din id-Direttiva.

[…]

(10) Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed għandu jaħseb li dan ikun se jimmina l-iskop tal-proċedura tar-ritorn, għandu jkun ippreferut ir-ritorn voluntarju aktar milli ritorn bil-forza, u għandu jingħata żmien għat-tluq volontarju. […]

(11) Għandu jiġi stabbilit sett minimu ta' salvagwardji legali dwar deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva ta' l-interessi ta' l-individwi konċernati. […]

[…]

(14) L-effetti ta' miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn għandhom jingħataw dimensjoni Ewropea billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li jimpedixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri kollha. It-tul tal-validità tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jkun determinat b'kont

meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u normalment m'għandux ikun aktar minn ħames snin. F'dan il-kuntest għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat kien diġà s-suġġett ta' aktar minn deċiżjoni waħda ta' ritorn jew ta' ordni ta' tneħħija jew daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt projbizzjoni ta' dħul."

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Suġġett", jipprevedi li:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi [tal-Unjoni] kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem."

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jistabbilixxi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(2) 'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

(3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz – kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat – għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

(4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

(5) 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

(6) 'projbizzjoni fuq id-dħul' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn;

[…]

(8) 'tluq volontarju' tfisser konformità ma' l-obbligu ta' ritorn fi żmien l-iskadenza ffissata għal dak l-iskop fid-deċiżjoni ta' ritorn;

[…]"

6 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn", jipprevedi li:

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

[…]

6. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn legali flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn u/jew deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju wieħed kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali."

7 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Tluq volontarju", jipprevedi li:

"1. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4. […]

[…]

2. L-Istati Membri għandhom, fejn neċessarju, jestendu l-perijodu għat-tluq volontarju għal perijodu adegwat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħat-tul tas-soġġorn, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola u l-eżistenza ta' rabtiet familjari u soċjali oħrajn.

[…]

4. Jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jew jekk applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda għax kienet bla bażi jew ibbażata fuq frodi jew jekk il-persuna konċernata tippreżenta riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ma jagħtux perijodu ta' żmien għat-tluq volontarju, jew jistgħu jagħtu perijodu iqsar minn sebat ijiem."

8 L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Tneħħija", jipprevedi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7(4) jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat f'dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7.

[…]

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju separat li jordna t-tneħħija.

[…]"

9 L-Artikolu 11 tal-istess direttiva, intitolat "Projbizzjoni fuq id-dħul", jistabbilixxi li:

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

(b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

2. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi il-ħames snin. Hu jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jista' juri li jkun ħalla jew ħalliet it-territorju ta' Stat Membru f'konformità sħiħa ma' deċiżjoni ta' ritorn.

[…]"

10 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Forma", jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta' tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli".

11 Skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ruħhom magħha sa mhux iktar tard mill-24 ta' Diċembru 2010.

Id-dritt Olandiż

12 Skont l-Artikolu 67(1) tal-Vreemdelingenwet 2000 (liġi tal-2000 fuq il-barranin, iktar 'il quddiem il-"Vw"), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-2002, barrani seta' b'mod partikolari jiġi ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa:

"a) jekk huwa [kien] jirrisjedi legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi u [kien] wettaq ripetutament fatt punibbli skont din il-liġi;

b) jekk [kien] ġie kkundannat permezz ta' sentenza, li saret definittiva, minħabba reat li għalih [seta'] jingħata piena ta' priġunerija ta' tliet snin jew iktar;

c) jekk [kien] jirrappreżenta perikolu għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali,

d) bis-saħħa ta' trattat, jew

e) fl-interess tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi".

13 Konformement mal-Artikolu 68 tal-Vw, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-2002, id-deċiżjoni li kienet tiddikjara l-barrani bħala persuna mhux mixtieqa kienet titneħħa fuq talba tiegħu jekk huwa jkun issoġġorna barra mill-Pajjiżi l-Baxxi għal perijodu mhux interrott ta' 10 snin u jekk, matul dan il-perijodu, ma tkun qamet ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 67(1) tal-istess liġi.

14 Sussegwentement, il-Vw ġiet emendata għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/115.

15 Konformement mal-Artikolu 61(1) tal-Vw, attwalment fis-seħħ, il-barrani li ma jkunx, jew li ma għadux iktar, qed jissoġġorna legalment għandu jitlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi volontarjament fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 62 ta' din il-liġi, li l-paragrafi 1 u 2 tiegħu jittrasponu l-Artikolu 7(1) u (4) tad-Direttiva 2008/115.

16 L-Artikolu 66a tal-Vw, li huwa intiż li jittrasponi l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li deċiżjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul għandha tittieħed kontra barrani li ma jkunx telaq volontarjament mill-Pajjiżi l-Baxxi fit-terminu impost.

17 Skont l-Artikolu 66a(4) tal-Vw, il-projbizzjoni fuq id-dħul tinħareġ għal perijodu ddeterminat, li ma għandux jeċċedi l-ħames snin, ħlief jekk il-barrani jkun jirrappreżenta theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. Dan il-perijodu għandu jiġi kkalkolat b'effett mid-data li fiha l-barrani jkun telaq effettivament mill-Pajjiżi l-Baxxi.

18 Skont l-Artikolu 66(a)(7) tal-Vw, il-barrani li jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul qatt ma jista' jissoġġorna legalment:

"a) jekk ġie kkundannat permezz ta' sentenza, li saret definittiva, minħabba reat li għalih jista' jingħata piena ta' priġunerija ta' tliet snin jew iktar;

b) jekk jirrappreżenta perikolu għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali,

c) jekk jirrappreżenta theddida serja fis-sens tal-paragrafu 4, jew

d) jekk kull soġġorn għandu jiġi rrifjutat lilu bis-saħħa ta' trattat, jew fl-interess tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi".

19 Skont l-Artikolu 197 tal-Wetboek van Strafrecht (kodiċi kriminali), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-liġi tal-10 ta' Marzu 1984 (Stb. 1984, Nru 91), applikabbli għall-kawża prinċipali, barrani li jissoġġorna fil-Pajjiżi l-Baxxi meta jkun jaf jew ikollu raġunijiet serji sabiex jissuspetta li huwa ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa abbażi ta' dispożizzjoni legali, jista' jiġi kkundannat, *inter alia*, għal perijodu ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sitt xhur.

20 Dan l-istess artikolu jipprevedi, fil-verżjoni tiegħu attwalment fis-seħħ, li tirriżulta mil-liġi tal-15 ta' Diċembru 2011 (Stb. 2011, Nru 663), li barrani li jissoġġorna fil-Pajjiżi l-Baxxi meta jkun jaf jew ikollu raġunijiet serji sabiex jissuspetta li huwa ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa abbażi ta' dispożizzjoni legali jew li projbizzjoni fuq id-dħul ġiet imposta fuqu bis-saħħa tal-Artikolu 66a(7) tal-Vw, jista' jiġi kkundannat, *inter alia*, għal perijodu ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sitt xhur.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 Permezz ta' deċiżjoni tal-Minister van Vreemdelingenzaken en Immigratie (ministru għall-affarijiet relatati mal-barranin u għall-immigrazzjoni) tat-22 ta' Ottubru 2002, M. Ouhrami ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa. Permezz ta' din id-deċiżjoni, l-imsemmi ministru kkonstata li, bejn l-2000 u l-2002, M. Ouhrami kien ġie kkundannat ħames darbiet mill-qorti kriminali għal pieni li jammontaw għal iktar minn tlettax-il xahar priġunerija, għal serq aggravat, riċettazzjoni u pussess ta' drogi qawwija. Fuq din il-bażi, il-ministru għall-affarijiet relatati mal-barranin u għall-immigrazzjoni qies li M. Ouhrami kien jikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubbliku u, għal din ir-raġuni, iddikjara lill-persuna kkonċernata bħala persuna mhux mixtieqa. Dan wassal sabiex M. Ouhrami kellu l-obbligu, minn naħa, li jitlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi, fejn huwa seta' jitkeċċa jekk ma josservax tali obbligu, u, min-naħa l-oħra, li jissoġġorna barra mill-Pajjiżi l-Baxxi għal għaxar snin konsekuttivi, peress li huwa kien ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieq b'mod partikolari fuq il-bażi ta' reat relatat mad-droga. Skont l-imsemmija deċiżjoni, dan it-terminu ta' għaxar snin kellu jibda jiddekorri mid-data li fiha M. Ouhrami jkun telaq effettivament mill-Pajjiżi l-Baxxi.

22 Id-deċiżjoni li tiddikjara lil M. Ouhrami bħala persuna mhux mixtieqa ġiet innotifikata lilu fis-17 ta' April 2003. Billi d-deċiżjoni ma ġietx ikkontestata, din saret definittiva fil-15 ta' Mejju 2003. Madankollu, M. Ouhrami ma telaqx mill-Pajjiżi l-Baxxi, billi sostna li ma kienx fil-pussess tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa.

23 Fl-2011 u fl-2012, ġie kkonstatat seba' darbiet li M. Ouhrami kien, bi ksur ta' din id-deċiżjoni, issoġġorna f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), meta huwa kien jaf li kien ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa, fejn dan ir-reat huwa punibbli skont l-Artikolu 197 tal-kodiċi kriminali.

24 Peress li ġie kkundannat fl-ewwel istanza għal piena ta' priġunerija minħabba dawn il-fatti, M. Ouhrami appella quddiem il-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), fejn sostna li l-impożizzjoni ta' tali piena kienet tikser id-Direttiva 2008/115, għar-raġuni li l-proċedura prevista minn din tal-aħħar ma kinitx intemmet kompletament.

25 Il-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam) ikkonstatat li l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija mhux sospiża fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/115, li jkun ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa, u li, mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu, jissoġġorna illegalment fil-Pajjiżi l-Baxxi, tkun tikser din id-direttiva jekk l-istadji tal-proċedura ta' ritorn prevista minnha jkunu għandhom ma ngħalqux. Fil-fatt, l-impożizzjoni ta' din il-piena tista' tikkompromett i l-għan li din id-direttiva tipprova tilħaq, jiġifieri l-istabbiliment ta' politika effikaċji ta' tneħħija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw illegalment fi Stat Membru.

26 Sussegwentement, din il-qorti ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-proċedura ta' ritorn kienet ġiet segwita fl-intier tagħha. F'dan ir-rigward, hija osservat li:

– id-Dienst Terugkeer en Vertrek (servizz ta' ritorn u ta' tluq, il-Pajjiżi l-Baxxi) kien għamel, ma' M. Ouhrami, 26 intervista dwar ir-ritorn ta' dan tal-aħħar,

– M. Ouhrami kien ġie rreferut ripetutament lill-awtoritajiet Alġerini, Marokkini u Tuneżini, iżda ma ġie l-ebda rapport pożittiv minn ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi,

– saru diversi investigazzjonijiet permezz tal-Interpol, partikolarment fir-rigward tal-marki tas-swaba,

– saru sforzi sabiex issir analiżi tal-lingwa fil-konfront tal-persuna kkonċernata,

– il-proċeduri kollha relatati mat-tneħħija, previsti mis-servizz ta' ritorn u ta' tluq, kienu ġew segwiti,

– dawn il-passi ma wasslux, madankollu, għat-tneħħija ta' M. Ouhrami, billi dan tal-aħħar irrifjuta li jikkoopera.

27 Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam) qieset li l-awtoritajiet kompetenti kienu wettqu sforzi suffiċjenti sabiex jiddeterminaw l-identità ta' M. Ouhrami u ssir it-tneħħija tiegħu lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Konsegwentement, din il-qorti ddeċidiet li l-proċedura ta' ritorn setgħet, f'dan il-każ, titqies bħala magħluqa, b'tali mod li l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija għall-fatti kkontestati ma kinitx tikser id-Direttiva 2008/115. Billi ċaħdet l-argument ta' M. Ouhrami, l-imsemmija qorti kkundannat lil dan tal-aħħar għal piena ta' priġunerija ta' xahrejn.

28 M. Ouhrami ppreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi).

29 Fil-kuntest tal-appell tiegħu, M. Ouhrami ma jikkontestax il-konklużjoni tal-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam), li tgħid li l-proċedura ta' ritorn previst mid-Direttiva 2008/115 ġiet, f'dan il-każ, segwita fl-intier tagħha. Madankollu, huwa jilmenta li din il-qorti kkundannatu inġustament, peress li huwa tal-fehma li d-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2002 li tiddikjarah bħala persuna mhux mixtieqa waqfet tipproduċi effetti legali mid-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, M. Ouhrami jsostni li din id-deċiżjoni kellha tiġi assimilata ma' deċiżjoni

ta' projbizzjoni fuq id-dħul, li daħlet fis-seħħ meta nħarġet jew, l-iktar tard, meta sar jaf biha, u li, skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115, il-validità ta' din il-projbizzjoni fuq id-dħul ma setgħetx, f'dan il-każ, teċċedi l-ħames snin, b'tali mod li ma kinitx għadha fis-seħħ fl-2011 u fl-2012.

30 Il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) tosserva li, skont il-ġurisprudenza tagħha stess, jista' jiġi dedott mis-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Filev u Osmani (C-297/12, EU:C:2013:569), li deċiżjoni li tiddikjara persuna mhux mixtieqa, adottata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2008/115 jew qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, għandha tiġi assimilata ma' projbizzjoni fuq id-dħul, fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva. B'effett mill-iskadenza ta' dan it-terminu, din id-deċiżjoni hija għalhekk, bħala prinċipju, suġġetta għat-tul massimu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva. Fid-dawl ta' din l-assimilazzjoni, tqum il-kwistjoni dwar il-bidu tad-dekorrenza tal-perijodu ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

31 Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan il-kuntest, li l-Artikolu 197 tal-kodiċi kriminali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, ma jissanzjonax in-nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni ta' ritorn fiha nnifisha, iżda s-soġġorn fil-Pajjiżi l-Baxxi, meta l-barrani kkonċernat ikun jaf jew ikollu raġunijiet serji sabiex ikun jaf li huwa ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva [2008/115] għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terminu ta' ħames snin li jipprevedi huwa kkalkolat:
   a) b'effett mill-ħruġ tal-projbizzjoni ta' dħul (jew, retroattivament, mid-deċiżjoni ekwivalenti li tiddikjara persuna mhux mixtieqa), jew
   b) b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata telqet fil-fatt mit-territorju — essenzjalment — tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, jew
   c) minn xi mument ieħor?

2) L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva [2008/115] għandu, fid-dawl tal-applikazzjoni tad-dritt tranżitorju, jiġi interpretat fis-sens li deċiżjonijiet meħuda qabel ma' din id-direttiva daħlet fis-seħħ, li għandhom l-effett legali li d-destinatarju tagħhom ikollu jibqa' barra mill-Pajjiżi l-Baxxi għal għaxar snin konsekuttivi, meta l-projbizzjoni mid-dħul ġiet deċiża fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha marbuta mal-każ ineżami u kienet suġġetta għal rimedji legali, ma jistgħux ikollhom iktar effetti legali jekk, fil-mument li din id-direttiva kellha tiġi trasposta jew fil-mument li ġie kkonstatat li d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni kien jinsab fil-Pajjiżi l-Baxxi, it-tul ta' żmien ta' dan l-obbligu kien jeċċedi t-tul ta' żmien previst minn din id-dispożizzjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

33 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul prevista f'din id-dispożizzjoni, li bħala prinċipju ma jeċċedix il-ħames snin, għandu jiġi kkalkolat b'effett mid-data tal-ħruġ ta' din il-projbizzjoni jew b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri jew inkella b'effett minn xi data oħra.

34 Din il-kwistjoni tqum, fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali, b'relazzjoni ma' deċiżjoni li ġiet adottata qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/115 u li permezz tagħha M. Ouhrami ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa, peress li din id-deċiżjoni kellha l-effett legali

li tobbliga lill-persuna kkonċernata, minn naħa, titlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi u, min-naħa l-oħra, tissoġġorna barra minn dan l-Istat Membru għal perijodu ta' għaxar snin konsekuttivi. Huwa minnu li, wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, M. Ouhrami qatt ma telaq mill-Pajjiżi l-Baxxi u li, wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' traspożizzjoni, ġie kkundannat fl-ewwel istanza u fl-appell għal piena ta' priġunerija minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-istess deċiżjoni.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 tapplika għall-effetti sussegwenti għad-data ta' applikabbiltà tagħha fl-Istat Membru kkonċernat ta' deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul meħuda bis-saħħa ta' regoli nazzjonali applikabbli qabel din id-data. Fil-fatt, għalkemm din id-direttiva ma fiha ebda dispożizzjoni li tipprovdi għal sistema tranżitorja għad-deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul adottati qabel ma hija tkun applikabbli, madankollu minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li regola ġdida tapplika immedjatament, ħlief jekk ikun hemm deroga, għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li bdiet taħt ir-regola l-qadima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Filev u Osmani, C-297/12, EU:C:2013:569, punti 39 sa 41).

36 Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115 huma applikabbli għad-deċiżjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

37 Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115, it-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi ddeterminat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u, bħala prinċipju, ma għandux jeċċedi l-ħames snin. Huwa jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jirrappreżenta theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

38 Għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandu jitfakkar qabelxejn li, konformement mar-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza, dispożizzjoni ta' dan id-dritt li ma tinvolvi ebda referenza espressa għal-liġi tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandha normalment tingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies, b'mod partikolari, il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Kozłowski, C-66/08, EU:C:2008:437, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Issa, kif jirriżulta mill-premessa 14 tad-Direttiva 2008/115, l-istabbiliment ta' projbizzjoni fuq id-dħul li teskludi kull dħul u kull soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha għandu l-għan li jagħti dimensjoni Ewropea lill-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn.

40 Għalkemm id-Direttiva 2008/115 ma tistabbilixxix espressament il-mument li minnu t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi kkalkolat, minn dan l-iskop u, b'mod iktar ġenerali, mill-għan ta' din id-direttiva, li jikkonsisti fl-iffissar ta' regoli u ta' proċeduri komuni sabiex jiġi żgurat ir-ritorn effikaċji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jissoġġornaw illegalment fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll mill-assenza ta' kull riferiment għad-dritt nazzjonali jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Daniż, id-determinazzjoni ta' dan il-mument ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.

41 Fil-fatt, kif tosserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tagħha, jekk jiġi aċċettat li projbizzjonijiet fuq id-dħul li huma bbażati fuq sett ta' regoli armonizzati fil-livell Ewropew jibdew jipproduċu l-effetti tagħhom u jieqfu jipproduċuhom f'punti differenti fiż-żmien skont l-għażliet magħmula mill-Istati Membri fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, dan jipperikola l-għan li d-Direttiva 2008/115 kif ukoll tali projbizzjonijiet fuq id-dħul jipprovaw jilħqu.

42 Għal dak li jirrigwarda d-domanda dwar liema huwa, b'mod definittiv, il-mument li minnu projbizzjoni fuq id-dħul tibda tipproduċi l-effetti tagħha u li minnu t-tul ta' din il-projbizzjoni għandu jiġi kkalkolat, ir-risposta għal din id-domanda għandha tingħata fid-dawl tal-formulazzjoni, tal-istruttura u tal-għan tad-Direttiva 2008/115.

43 Il-punt 6 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "projbizzjoni fuq id-dħul" bħala "deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn". Din id-deċiżjoni tal-aħħar hija ddefinita fil-punt 4 tal-Artikolu3 bħala "deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn".

44 Skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115, id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie osservat. F'każijiet oħra, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

45 Mill-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll mill-użu tal-espressjoni "projbizzjoni fuq id-dħul" jirriżulta li tali projbizzjoni hija maħsuba sabiex tikkompleta deċiżjoni ta' ritorn, billi tipprojbixxi lill-persuna kkonċernata għal żmien determinat wara r-"ritorn" tagħha, liema kelma hija ddefinita fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, u għalhekk wara t-tluq tagħha mit-territorju tal-Istati Membri, milli tidħol mill-ġdid f'dan it-territorju u sussegwentement tissoġġorna hemmhekk. Id-dħul fis-seħħ ta' tali projbizzjoni jippresupponi għalhekk li l-persuna kkonċernata tkun telqet, minn qabel, mill-imsemmi territorju.

46 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura tad-Direttiva 2008/115.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mid-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punti 43 u 44 ta' din is-sentenza kif ukoll, b'mod partikolari, mill-premessa 6, mill-Artikolu 6(1) u (6), mill-Artikolu 8(1) u (3), mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) u mill-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva jirriżulta li din tistabbilixxi distinzjoni ċara bejn, minn naħa, id-deċiżjoni ta' ritorn u deċiżjoni ta' tneħħija eventwali u, min-naħa l-oħra, il-projbizzjoni fuq id-dħul.

48 Għaldaqstant, skont il-punt 4 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115, huwa permezz tad-deċiżjoni ta' ritorn li s-soġġorn illegali inizjali tal-persuna kkonċernata huwa ddikjarat illegali u li jiġi impost fuq din tal-aħħar obbligu ta' ritorn. Din id-deċiżjoni tipprevedi, skont l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(4) tagħha, terminu xieraq għat-tluq volontarju tal-persuna kkonċernata. Fil-każ fejn tali terminu ma jkunx ingħata jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie osservat fit-terminu mogħti, l-Istati Membri jieħdu, konformement mal-Artikolu 8(1) u (3) tal-imsemmija direttiva, il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, billi jadottaw, skont il-każ, deċiżjoni ta' tneħħija, jiġifieri deċiżjoni jew att distint, ta' natura amministrattiva jew ġudizzjarja, li tordna l-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' ritorn.

49 Minn dan jirriżulta li, sal-mument tal-eżekuzzjoni volontarja jew forzata tal-obbligu ta' ritorn u, konsegwentement, tar-ritorn effettiv tal-persuna kkonċernata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, lejn pajjiż ta' tranżitu jew lejn pajjiż terz ieħor, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, is-soġġorn illegali tal-persuna kkonċernata huwa rregolat mid-deċiżjoni ta' ritorn u mhux mill-projbizzjoni fuq id-dħul, li tipproduċi l-effetti tagħha biss minn dan il-mument, billi tipprojbixxi lill-persuna kkonċernata, għal ċertu perijodu wara r-ritorn tagħha, milli tidħol u tissoġġorna mill-ġdid fit-territorju tal-Istati Membri.

50 Għaldaqstant, għalkemm id-Direttiva 2008/15 tagħti lill-Istati Membri, bis-saħħa tal-Artikolu 6(6) tagħha, il-possibbiltà li jadottaw fl-istess ħin id-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni fuq id-dħul, mill-istruttura ta' din id-direttiva jirriżulta madankollu b'mod ċar li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet huma distinti, peress li l-ewwel waħda tnissel il-konsegwenzi tal-illegalità tas-soġġorn illegali, filwaqt li t-tieni waħda tirrigwarda soġġorn sussegwenti eventwali billi tirrendi tali soġġorn illegali.

51 Projbizzjoni fuq id-dħul eventwali tikkostitwixxi għalhekk mezz intiż sabiex tiżdied l-effikaċja tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, billi tiggarantixxi li, għal ċertu perijodu wara t-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li s-soġġorn tiegħu huwa illegali, tali ċittadin ma jkunx jistax jidħol mill-ġdid fit-territorju tal-Istati Membri.

52 Dan l-iskop tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115 u l-għan ġenerali li din tal-aħħar tipprova tilħaq, imfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza, jiġi kompromess jekk ir-rifjut ta' tali ċittadin li josserva l-obbligu ta' ritorn u li jikkoopera fil-kuntest ta' proċedura ta' tneħħija jippermettilu jevita, kompletament jew parzjalment, l-effetti legali ta' projbizzjoni fuq id-dħul, li jkun il-każ li kieku l-perijodu li matulu tapplika tali projbizzjoni fuq id-dħul seta' jiddekorri u jiskadi matul din il-proċedura.

53 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni, mill-istruttura u mill-għan tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li l-perijodu ta' projbizzjoni fuq id-dħul jibda jiddekorri biss b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri.

54 Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2008/115 tipprekludi, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija għall-ksur ta' deċiżjoni li tiddikjara l-persuna kkonċernata bħala persuna mhux mixtieqa, li l-effetti tagħha ssemmew fil-punt 34 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' jissanzjona kriminalment ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva biss jekk iż-żamma tal-effetti ta' din il-projbizzjoni ma hijiex konformi mal-Artikolu 11 ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2013, Filev u Osmani, C-297/12, EU:C:2013:569, punt 37, kif ukoll tal-1 ta' Ottubru 2015, Celaj, C-290/14, EU:C:2015:640, punt 31).

55 Madankollu, sa fejn M. Ouhrami ma telaqx mill-Pajjiżi l-Baxxi wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tiddikjarah bħala persuna mhux mixtieqa u konsegwentement l-obbligu ta' ritorn, previst fiha, qatt ma ġie eżegwit, il-persuna kkonċernata tinsab f'sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn soġġorn illegali inizjali, u mhux minn soġġorn illegali sussegwenti li hija l-konsegwenza ta' ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul, fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-Direttiva 2008/115 tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissanzjona s-soġġorn illegali inizjali permezz ta' sanzjonijiet kriminali, sa fejn din tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li, filwaqt li jkun jissoġġorna illegalment fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru u ma jkunx lest jitlaq minn dan it-territorju volontarjament, ma jkunx ġie suġġett għall-miżuri koerċittivi msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-direttiva. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-imsemmija direttiva ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fir-rigward tiegħu ġiet applikata l-proċedura ta' ritorn stabbilita mill-istess direttiva u li jissoġġorna illegalment fl-imsemmi territorju mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punt 50, u tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punti 52 u 54).

57 Issa, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, minn naħa, li, fil-kuntest tal-proċeduri fil-kawża prinċipali, il-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam) iddeċidiet li, f'din il-kawża, il-proċedura ta' ritorn setgħet titqies bħala magħluqa, b'tali mod li l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija għall-fatti inkwistjoni ma kinitx tikser id-Direttiva 2008/115, u, min-naħa l-oħra, li din il-konstatazzjoni, li minnha jidher li jirriżulta li l-kundizzjonijiet applikati mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti huma ssodisfatti f'dan il-każ, ma kinitx ġiet ikkontestata fil-kuntest tal-appell ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, liema fatt għandu madankollu jiġi vverifikat minn din tal-aħħar.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul prevista f'din id-dispożizzjoni, li bħala prinċipju ma jeċċedix il-ħames snin, għandu jiġi kkalkolat b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri.

Fuq it-tieni domanda

59 Kif il-qorti tar-rinviju osservat fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, it-tieni domanda qed issir biss fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul, prevista fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115, għandu jiġi kkalkolat mhux b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri, iżda b'effett minn data preċedenti, bħad-data tal-ħruġ ta' din il-projbizzjoni. Fil-fatt, kif tenfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tagħha, huwa biss f'dan il-każ li din id-domanda tkun rilevanti għall-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

60 Għaldaqstant, fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul prevista f'din id-dispożizzjoni, li bħala prinċipju ma jeċċedix il-ħames snin, għandu jiġi kkalkolat b'effett mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tkun telqet effettivament mit-territorju tal-Istati Membri.

Firem